MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 327/2005

**A**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-7 ta' Ottubru, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-attur A u l-konvenuta B zzewgu fis-17 ta' Marzu 1985;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza;

Illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi ghalhekk z-zwieg bejn il-partijiet hu null u invalidu skond il-ligi;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg bejn il-partijiet tas-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija hamsa u tmenin (1985) fuq imsemmi hu null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fit-18 ta' Novembru, 2005 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet:

1. Illi l-konvenuta taqbel illi z-zwieg li sehh bejn il-partijiet tas-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija hamsa u tmenin (1985) huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet kif ser jirrizulta mill-provi fil-mori ta' din il-kawza.

2. Illi izda l-konvenuta ma taqbilx li hija ghandha taghti l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits tal-partijiet u ta' omississ.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-17 ta' Marzu, 1984 a bazi tal-Artikolu 19 (1) (d) (a) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenuta qablet ma' din it-talba izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-Ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu, l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju*." (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (a) – il-kunsens inkiseb bi vjolenza, sew fizika jew morali jew biza;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta’ xi parti jkun inkiseb b’eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall att taz-zwieg .

Mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizulta li l-konvenuta kellha biss sittax (16) il-sena meta zzewget u dan wara li harget tqila. Wiehed jifhem li ghoxrin sena (20) ilu kien iktar difficli li tfajla ta’ dik l-eta’ tigi accettata meta jkollha wild barra miz-zwieg. Waqt li hu minnu li l-Att dwar iz-Zwieg jghid li l-eta’ minima biex wiehed jizzewweg hija appuntu sittax (16) il-sena, wiehed jifhem ukoll li ta’ dik l-eta’ hu difficli li jkollu dik il-maturita rikjesta (anke jekk ikkunsidrata bhala minima) biex jidhol ghall obligi matrimonjali.

Minghajr ma hemm bzonn xi indagini wisq partikolari, jidher car ghall Qorti li t-talba attrici ghandha tigi akkolta a bazi tas-sub incizi (a) u (d) fuq imsemmija. Minhabba li l-attur kien sitt snin ikbar mill-konvenuta u allura kellhu iktar responsabilta’ f’dak li gara il-Qorti se takkolalu l-kap tal-ispejjez.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fis-17 ta’ Marzu, 1984. L-ispejjes jithallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------